# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 181 / 15RGM

Kawza fil-lista: 8

**D K**
**vs**
**L-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tas-16 ta' Lulju 2015 gew appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti S W O**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-6 ta' Awwissu 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-attrici ilha mizzewwga lill-konvenut mit-12 ta' Settembru 2003 u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-konvenut sar hati ta' vjolenza fizika kontra martu kif ukoll ingurji gravi, sevizzi u mohqrija ai termini tal-Art.40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut sar ukoll hati ta' abbandun ai termini tal-Art.41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta meta huwa abbanduna d-dar matrimonjali fit-3 ta' Marzu 2010 u allegatament halla Malta lejn il-Libja. Minn dakinhar huwa qatt ma irritorna lura jew ghamel xi forma ta' kuntatt;

Illi l-attrici ma kkommettiet ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg;

Illi l-attrici gabet l-awtorizazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet datat 6 ta' Mejju 2015;

Illi id-dar matrimonjali cioe' 196, Redeemer, Flt.2, Triq Ninu Cremona, Paola inxtrat nhar it-22 ta' Jannar 2004 permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Carmel Gafa'waqt iz-zwieg u hija tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-hlasijiet versu din id-dar dejjem saru mill-paga tal-attrici u fil-fatt ghadha qed thallas dan il-post sal-prezent. Il-mobbli u effetti kollha fid-dar gew mhallsa mill-attrici u l-genituri taghha;

Illi l-konvenut qatt ma kkontribwixxa xejn lejn il-komunjoni tal-akkwisti u dejjem ghex bhallikieku ma kienx mizzewweg. Sahansitra dejjem kienet 1-attrici li kkontribwixxiet ghall-ghajxien tieghu qabel ma sparixxa minn Malta.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m' ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

Tippronunzja s-separazzjoni personaIi bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, swat, minacci, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija lejn l-attrici u abbandun maghmula mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civili;

Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631,633, 633A, 825 , 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut u favur l-attrici id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;

Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess billi tassenjaha interament lill-attrici stante li kollox gie akkwistat bil-hidma taghha;

Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenut jidhru minfloku;

Tordna li l-attrici wahedha tghix fid-dar matrimonjali 196, Redeemer, Flt.2, Triq Ninu Cremona, Paola dan ad eskluzjoni ta' zewgha jekk huwa jirritorna lejn Malta.

Bl- ispejjez.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fid-9 ta’ Settembru 2015, li maghha gew annessi l-affidavit taghha, dawk tal-genituri taghha, u kopja legali tal-process tal-medjazzjoni;

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi ppresentata fit-22 ta' Settembru 2015, li ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti, rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta f'stadju ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat, u talbu mir-rikorrenti kull informazzjoni dwaru biex jkunu jistghu jikkommunikaw mieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tal-attrici pprezentata fil-11 ta' Novembru 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 15 sa 17, iddikjarat li ltaqghet mal-konvenut f'April 2003 fil-Fuego Nightclub f'Paceville, hi kienet tahdem bhala chamber maid fil-Lukanda Mistra Village u hu kien okkazzjonalment jahdem ta' bajjad. Kienet toqghod mal-ġenituri taghha il-Fgura izda giet kostretta titlaq mid-dar billi il-genituri taghha ma kienux kuntenti b'din ir-relazzjoni. Kriet appartament f'Marsascala u bdew jikkoabitaw. Ftehemu li jhallsu l-kera nofs kull wiehed, pero' hu rari hallas sehemu, jew ghax ma kienx jahdem, jew jibghat il-flus lill-ommu fil-Libja jew jonfoqhom sigaretti.

Fis-sajf tat-2003 iddecidew li jizzewgu, hu la ippartecipa u lanqas hallas ghall-preparamenti taz-zwieg, hallset kollox hi jew il-genituri taghha. Izzewwgu bir-Registru fit-12 ta' Settembru 2003, u kellhom ikla mal-membri tal-familja fil-Corinthia Jerma Palace Hotel f'Marsascala. Mill-familja tieghu hadd ma gie. Bil-flus tar-rigali tat-tieg marru Ghawdex ghall-vakanza, marru maghhom xi hbieb tieghu Libjani.

Wara z-zwieg l-attrici kompliet tahdem bhala chamber maid fil-Jerma Palace Hotel, izda hu ma kienx jahdem b'mod regolari, Lanqas kienu johorgu flimkien ghax kien jippreferi l-kumpanija tal-hbieb tieghu. Gieli lanqas kien jorqod fid-dar. Wara biss hmistax li zzewwgu beda jsir aggressiv, sawwatha b'lasta ta' xkupa u gebbdilha xagharha ghax qaltlu biex ma jhammigx, darba ohra sawwatha b'wire tal-elettriku u kkagjonalha feriti f'darha. Kienet mwerwra minnu, izda ma qalet lil hadd l-anqas lill-genituri taghha. Bl-inkwiet u l-biza li kellha l-anqas kienet tiekol.

Billi kienet qed thallas hafna flus fil-kera ddecidiet li bl-istess flus kien jaqbel li tixtri post. Sabu post shell fir-Rahal il-Gdid, issellfu mill-BOV LM16,000 bhala House Loan u LM7,000 ghall-finishing. Minn flusha ghamlet pagament ta' LM6,000, billi hu ma kellux flus u fit-22 ta' Jannar 2004 b'kuntratt ippubblikat

min-Nutar Carmel Gafa' xtarw il-Flat 2, Numru 196, Redeemer, Triq Ninu Cremona, Paola. Ommha ssuggeritilha li taghmel skrittura ghand in-Nutar b'konferma li l-post xtratu hi, izda meta il-konvenut sar jaf sar aggressiv u l-iskrittura ma saritx.

L-ghamara li hemm fil-post, cioe' l-kcina, xtartha hi minghand Construct Furniture bil-prezz ta' LM2,500, u l-kamra tas-sodda kienet rigal minn ghand il-genituri taghha. Qabel ma zzewwget faddlet is-somma ta' LM18,000, li minnhom hallset xi spejjez tal-finishing, u ghall-hajja. Id-djun kollha hallsithom hi, l-konvenut ma kkontribwixxa xejn hlief li ghamel ftit xoghol ta' bajjad. Hu baqa' bla xoghol fiss, u meta kien jaghmel xi bicca xoghol, il-flus kien jibghathom il-Libja. L-attrici ddikjarat li l-konvenut raqad maghha ftit drabi biss, hu kien jorqod fuq sufan wahdu, kien jistieden lill-hbiebu, jieklu mitluqin mal-art, u jhallu mandra warajhom. Lilha kien ikecciha fil-kamra tas-sodda jew ghand il-genituri taghha. Hi tghid "Is-swat baqa' kontinwu", billi ma kienx hemm bibien fl-appartament, ma kellhiex fejn tissakkar jew tistkenn u kienet tigi minnu msawwtha 'bl-aktar mod krudili'.

Fis-17 ta' Marzu 2007, il-konvenut talabha LM2,000 billi ried jixtri vann biex jahdem bih. Peress li hi kellha d-djun xi thallas talbet lill-missierha u dan silfu l-istess ammont li l-konvenut qatt ma wasal biex jirrifondi u ghalhekk spiccat hallsithom hi. Fis-sajf tat-2008 ried jixtri van Toyota bil-high up li kien jiswa Euro 23,000. Hu rranga biex ipartat l-van l-antik, u ha lill-attrici fl-ufficju tal-BOV fil-Preluna, Sliema, biex jissellef id-differenza, b'ipoteka fuq id-dar matrimonjali. Billi kienet tibza minnu kellha taccetta, u spiccat thallas id-dejn kollu hi li kien fl-ammont ta' Euro 17,235.28.

Fi Frar 2010 il-konvenut qalilha li nghata c-cittadinanza Maltija. Fit-3 ta' Marzu 2010 cempillha meta kienet ix-xoghol u qalilha li kien ser jitlaq, u qatt ma regghet ratu. Rega' cempillha fid-29 ta' Awissu 2010 qalilha li kien ser jitlaq ghall-kollox, u li kien biegh il-vann u l-flus hadhom mieghu. Minn dakinhar qatt ma regghet semghet bih.

Hi annettiet id-dokumenti b'konferma li hi baqghet thallas il-loans. Finalment iddikjarat li thoss li giet ittraduta, mahqura u abbuzata mill-konvenut li nqeda biha biex gab ic-citadinanza u l-finanzi. Qatt ma kien hemm hajja mizzewga bejniethom.

Rita K, omm l-attrici, fl-affidavit taghha, Fol 27, ddikjarat li bintha kienet qed tohrog mal-konvenut f'April 2003, u meta saret taf li kien barrani ma kinitx kuntenta u qaltilha biex toqghod attenta minnhu, izda bintha kienet tghid li thobbu u ghalhekk spiccat biex telqet mid-dar tal-genituri u marret tghix mieghu f'Marsascala. Wara ftit xhur it-tifla qaltilha li l-konvenut talabha tizzewwgu, hi

ratha stamba pero' ma setghet taghmel xejn billi bintha kellha l-eta' taghha. Fil-fatt ghenitha fil-preparamenti anke finanzjarjament. Izzewwgu fit-12 ta' Settembru 2003 bir-Registru fil-Corinthia Jerma Palace Hotel, Marsascala u wara kellhom ikla ghall-familjari, izda minn naha tieghu, hadd ma gie.

Xi hmistax wara z-zwieg bintha marret ghandha, tibki kemm tiflah u urietha feriti fuq daharha billi l-konvenut kien sawwatha b'wire tad-dawl. Darba ohra kellha dejha minfuha billi kien sawwatha b'injama. Bintha kienet tghidilha li l-konvenut ma kienx qed jahdem u kienet thallas kollox hi. Ix-xhud ikkonfermat li hi u zewgha taw lill-binthom diversi sommom ta' flus, kemm ghall-hajja kif ukoll biex tispicca l-post. Kienu xtrawlha l-kamra tas-sodda.

Hi kkonfermat li meta kien ser jinxtara il-post f'Paola, kienet ssugeritilha li ssir skrittura ghand in-Nutar fis-sens li hu ma kellu xejn mill-fond, u li din ma saritx billi l-konvenut sar aggressiv malli sar jaf b'dan. Kien hemm okkazjoni meta hi u zewgha marru ghand binthom, wara li din qaltilhom li l-konvenut kien qed issawwatha u rawh li fir-rabja tieghu beda "jghati mal-ghamara u jkisser xi vazuni". Wara ha xi dokumenti personali u telaq l-barra. Hi kkonfermat li f'Marzu 2010 l-konvenut sparixxa minn Malta, u d-djun kollha li kien hemm thallsu minn bintha.

Anthony K, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu, Fol 28, ikkonferma dak li ddikjarat martu fl-affidavit taghha. Hu, in oltre, rrifera ghall-okkazjoni meta bintu talbitu LM2,000 biex il-konvenut jixtri vann ghax-xoghol. Hu kkonferma li l-konvenut qatt ma rrifonda dan l-ammont, u li kienet bintu li taghtu lura xi haga minnhom.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, l-attrici tissottometti li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza u swat, ingurji gravi, sevizzi u mohqrija fil-konfront tal-atrrici martu minn hmistax biss wara iz-zwieg. Iz-zwieg, fil-kultura u tradizzjoni tal-konvenut, kien jfisser li l-mara tkun skjava tieghu u mhux is-siehba tieghu. L-attrici ssaportiet is-swat kontinwu tieghu u garret unilateralment il-piz finanzjarju tal-hajja mizzewwga. Il-konvenut, apparti l-abbuz u l-vjolenza domestika, rrenda l ruhu hati tal-abbandun fit-termini tal-Artikolu 41 tal-Kap 16, billi abbanduna id-dar matrimonjali fit-3 ta' Marzu 2010, u sa fejn jirrizulta lill-attrici telaq minn Malta permanentement, u ma halla l-ebda informazzjoni fejn sejjer.

Dwar manteniment tissottometti li ma kellhomx tfal, li hu ddekada milli jitlob manteniment minn ghandha, u li jkun difficili ghaliha li tircevi manteniment minn ghandu billi hu harab u hadd ma jaf fejn jinstab.

Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti, l-attrici taghmel referenza ghall-Artikolu 48(1) tal-Kap 16 u partikolarment ghas-subincis (c) li jitratta dwar is-sehem ta' parti fiz-zwieg, ghan-nofs l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra.

Saret referenza ukoll ghall-Artikolu 51 tal-Kap 16, dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 48. L-attrici tissottometti liil-vjolenza domestika bdiet hmistax wara z-zwieg, cirkostanza ikkorroborata minn omm l-attrici, u li l-konvenut qatt ma ikkontribwixxa lejn il-kommunjoni, billi ma kellux xoghol stabbli u meta okkazjonalment kellu xi bicca xoghol, il-flus kien jibghathom il-Libja.

L-unika propjeta' tal-komunjioni hi l-appartament li nxtara fit-22 ta' Jannar 2004, u l-pagamenti li saru dwar dan dejjem thallsu mill-attrici, li fil-fatt ghadha qed thallas il-pagamenti tal-mutwu mal-Bank. Il-mobbli kollha li hemm fid-dar nxtraw minnha jew il-genituri taghha u ghalhekk qed titlob li dawn jigu assenjati lilha esklussivament. Tissottometti li anke l-kontijiet bankarji ghandhom jigu assenjati lilha billi anke d-dejn li ghamel il-konvenut mal-Bank of Valletta plc in konnessjoni max-xiri tal-van, spiccat taghmel tajjeb ghalih hi, billi l-konvenut biegh il-van u approprija ruhu mir-rikavat tal-bejgh u sparixxa.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

L-Artikoli tal-ligi li jittrattaw il-Firda Personali huma l-Artikoli 35 sa 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Artikolu 40 tal-Kap 16:

"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddied jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-istess attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment;."

Artikolu 41 tal-Kap 16:

"Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba."

Fil-kaz in ezami rrizultat il-vjolenza tal-konvenut fil-konfront ta' martu, l-attrici.

Wara biss hmistax miz-zwieg, kien hemm incidenti serji ta' eccessi u mohqrija. Il-konvenut, kien isawwat lil martu.. L-attrici issemmi kas specifiku, fejn hi rrimarkatlu biex ma jhammigx id-dar meta jgib lil hbieb tieghu id-dar, u r-reazzjoni tieghu kienet li sawwatha b'wire tal-elettriku u kkagjonalha feriti fuq

daharha. Kien hemm diversi incidenti ohra ta' vjolenza, fosthom wiehed fil-presenza tal-genituri tal-attrici. Il-konvenut gie korrettement rimproverat minn missierha, billi kien vjolenti mal-attrici, u flok accetta n-nuqqas tieghu fferocja u b'rabja inkontrollabbli infexx fl-ghamara, kisser bl-addocc u wara telaq il' barra.

Irrizulta wkoll li l-konvenut abbanduna lill-attrici meta f'Marzu 2010 minghajr l-ebda preavviz, sparixxa minn Malta, u f'Awwissu tal-istess sena cemplillha biex jghidilha li telaq permanentement. Il-kawza giet ipprezentata fis-6 ta' Awwissu 2015. Fit-termini tal-Artikolu 41 hawn fuq citat, hu soddisfatt ukoll r-rekwizit ta'sentejn, u li l-abbandun sar minghajr giusta kawza. Attwalment, l-konvenut ghazel li jitlaq, anzi jahrab, ghar-raguni li seraq lill-attrici billi biegh il-high up truck, li hi ddejnet mal-Bank biex jinxtara, u telaq bil-flus b'kollox.

L-Artikolu 48 tal-Kap 16 jelenka l-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara, jaghti lok ghall-firda. Il-parti li tkun hatja tal-firda titlef driittijiet successorji, donazzjonijiet li tkun rceviet mill-parti l-ohra, u skond is-subinciz (c) "kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra......... u skond is-subinciz (d) titlef il-jedd ghall-manteniment mill-parti l-ohra, bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

Irrizulta mill-provi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-firda, li ma kienx jahdem hlief okkazjonalment, li l-attrici ghandha impieg regolari, u kull ma nxtara waqt iz-zwieg, xtratu hi bil-flus generali mill-hidma taghha. Il-konvenut ma ikkontribwixxa bl-ebda mod, anzi dahak biha, billi gielha tidhol f'dejn mal-Bank u ipotekat l-appartament, biex jinxtara Toyota High-up, allegatament biex il-konvenut jahdem bih, mentri dan bieghu ha il-flus u harab minn Malta.

Huwa indikat ghalhekk illi l-Qorti tikkommina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba vjolenza, swat, minacci ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u l-abbandun da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civil;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna t-tmiem u ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

4. Tilqa' r-raba' talba' u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja l-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti lill-attrici inkluz il-kontijiet bankarji intestati f'isimha wahedha jew f'isem iz-zewg partijiet flimkien, l-appartament 196, Redeemer, Flat 2, Triq Ninu Cremona, Paola u l-ghamara ta' go fih;

5. Tilqa' l-hames talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex jippubblika l-att relattiv ta' assenjazzjoni ta' sehem il-konvenut assenti mill-immobbli fuq imsemmi lill-attrici u tinnomina lil Dr Noel Bartolo sabiex jidher fuq l-att bhala kuratur ghal min mill-partijiet ma jidhrix ghall-pubblikazzjoni tal-att.

6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara illi l-konvenut tilef kull dritt li jabita fil-fond immobiljari fuq imsemmi gia' d-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut S W Zagiut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati, l-ispejjez notorali u dawk tal-kuratur fuq il-kuntratt jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**